**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Msida**

Illum, 13 ta' Frar, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**-vs-**

**Sera Caruana Smith, detentrici ta' Karta tal-Identita` bin-numru 116283M**

Il-Qorti,

Rat in-nota tat-13 ta' Settembru, 2018, ipprezentata mill-ufficjal tal-*probation* Marilyn Formosa ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta, b'liema nota l-Qorti giet infurmata li Sera Caruana Smith kienet qed tonqos milli zzomm ruhha f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation, kif ukoll mhux qed toqghod ghad-direttivi lilha moghtija mill-istess ufficjal tal-*probation*.

Rat l-Ordni ta' Probation datata it-23 t'Ottubru, 2017, moghti fil-konfront ta' Sera Caruana Smith wara li kienet nstabet hatja minn din il-Qorti.

Rat l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti l-ohra kollha.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li Sera Caruana Smith mhux qed toqghod ghall-ordnijiet lilha moghtija mill-Ufficjal tal-Probation liema ordnijiet kienu ntizi sabiex din tinghata l-ghajnuna kollha mehtiega biex teghleb il-vizzju tad-droga li tieghu saret ilsir. Mill-atti, u senjatament mill-fedina penali xejn felici taghha, jirrizulta li l-hatja ta' spiss nghatat opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha izda lanqas perjodu l-habs ma rnexxilu jzommha l-boghod mill-kilba ghad-droga. Fil-fatt appena harget mill-habs ghamlet uzu mill-kokajina u mill-erojina. Lanqas ma zammet appuntamenti li kellha mal-Caritas u minkejja li kien sar qbil mal-ufficjal tal-probation li din tibqa' tirrisjedi fir-residenza tal-genituri taghha, din mill-ewwel ghazlet li thalli din id-dar minghajr ma zammet kuntatt, kif kienet obbligata taghmel, mal-istess ufficjal tal-probation.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi jidher car li l-ghan tal-Ordni ta' Probation mhux qed jintlahaq u jehtieg li jittiehdu mizuri differenti fil-konfront tal-hatja sabiex din titghallem mill-izballji taghha filwaqt li tinghata l-ghajnuna li tinhtieg; ghajnuna li wriet li mhix lesta tissottometti volontarjament ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(2) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, qed titratta ma' Sera Caruana Smith ghar-reati li taghhom instabet hatja

fit-23 ta' Ottubru, 2017, daqs li  kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja u filwaqt li tikkonferma is-sejbien ta' htija taghha kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, tikkundannaha ghal tlett xhur prigunerija.

Il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin sabiex Sera Caruana Smith **tinghata l-ghajnuna immedjata biex teghleb il-vizzju tad-droga.**

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**